**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 18 ta' Diċembru, 2018

**Il-Pulizija**
**(Spettur Lianne Bonello)**

**-vs-**

**HANY ABDELLATIF Tawfik Elkhaniny magħruf bil-Karta tal-permess tar-residenza numru 112256A.**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Hany Abdellatif Tawfik Elkhaniny, u cioe` talli:

1. Fis-17 ta' Diċembru, 2018, waqt li kien hiereg minn Malta, naqas milli jiddikjara li kellu fil-pussess tiegħu aktar minn għaxart elef Ewro (€10,000) jew ekwivalenti lill-Kontrollur tad-Dwana, bi ksur ta' Artiklu 3 tal-Liġi Sussidjarja 233.07 (Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus) formanti parti mill-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni (Kapitlu 233 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oġġetti kollha esebiti.

> Il-Qorti giet ukoll ġentilment mitluba sabiex, jekk filwaqt tal-proċediment kriminali, il-Qorti tqis il-ħtieġa li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija għandha qabel tikkonsulta mal-Bank Ċentrali ta' Malta, u għandha, jekk u skont ma jista' jkun jeħtieġ il-Bank Ċentrali, tieqaf milli tordna l-qerda tagħhom u tgħaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Ċentrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 188F tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tallum, l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reat li dwaru qed tinstab htija, tal-ammissjoni bikrija tieghu w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi gie kkunsidrat ukoll dak sottomess mid-difiza dwar il-piena erogabbli u cioe` li, fil-fehma tal-abbli difiza, l-multa ghandha tigi nflitta biss fuq l-*excess currency*, cioe` unikament fuq dak l-ammont li jeccedi l-€10,000; sottomissjoni li ma sabet ebda qbil da parti tal-prosekuzzjoni li sahhqet li l-multa erogabbli trid tigi komputata fuq il-<u>valur shih</u> li jkun qed jingarr mill-passiggier fil-mument li jkun diehel jew hiereg minn Malta.

Illi din is-sottomissjoni tad-difiza ma tirriflettix dak ravvizat bir-regolament 3(4) tar- Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Flus li jipprovdi:

> (4) Persuna li tagħmel dikjarazzjoni falza għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew li ma twettaqx l-obbligu li tiddikjara somma bħal dik skont is-subregolament (2), tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija **tal-valur,** f 'valuta lokali fid-data meta l-persuna tkun dieħla jew ħierġa minn Malta jew meta tkun għaddejja fi transit minn Malta, **tal-flus li jkunu qegħdin jinġarru**, imma f'kull każ dik il-multa ma għandiex tkun teċċedi ħamsin elf euro (€50,000). [emfazi tal-Qorti]

Inoltre` fl-istess regolamenti, meta l-legizlatur ried jirreferi ghall-*excess currency* – u cioe` l-ammont li jeccedi l-€10,000 - dan ghamlu specifikatament kif jirrizulta mid-dicitura tar-regolamenti 3(3) u 3(5):

> (3) Meta flus ma jiġux dikjarati kif hemm provdut fis-subregolament (1), il-Kontrullur għandu jaqbad **il-flus** mhux dikjarati **li jkunu jeċċedu €10,000,** jew l-ammont kollu meta l-flus ikunu indiviżibbli.......
>
> (5) Barra mill-piena li tista' tagħti lil persuna misjuba ħatja ta' reat taħt is-subregolament (4), il-qorti għandha tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati li jkunu jeċċedu €10,000 jew tal-ammont sħiħ meta l-flus ikunu indiviżibbli.
> [emfazi tal-Qorti]

Imbghad id-disposizzjoni ravvizata bir-regolament 3(6) tkompli tissigilla l-argument tal-prosekuzzjoni li l-multa trid tinhadem fuq il-<u>valur kollu</u> li jkun qed iggor passiggier, meta tipprovdi li minkejja li passiggier qed iggorr ezattament l-ammont ta' €10,000, xorta wahda tiskatta id-disposizzjoni tar-regolament 3(4) :

(6) F'każ li s-somma msemmija fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament tkun ta' valur ta' **€10,000 preċiż,** il-persuna hemm imsemmija, meta tonqos kif hemm ipprovdut, **teħel, meta tinsab ħatja, il-multa msemmija fis-subregolament (4)** imma m'għandu jkun hemm ebda konfiska bħal dik imsemmija fis-subregolamenti (3) u (5).
[emfazi tal-Qorti]

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3 tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus, issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghall-multa ta' €2,675.00, ekwivalenti għal ħamsa u għoxrin fil-mija tal-valur tas-somma mhux dikjarata.

Ai termini tar-Regolament 3(5) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Flus tordna l-konfiska favur il-Gvern tal-flus mhux dikjarati u cioe` l-ammont ta' €700 in eccess tal-€10,000 permissibbli skond l-istess Regolamenti.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba maghmula ai termini tal-artikolu 188F tal-Kodici Kriminali peress li ma jirrizultax li l-flus li kien qed igorr l-imputat kienu foloz.

Tastjeni wkoll milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**